MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2163/1998/1

**Ta' l-Ibragg Development Company Limited**

**vs**

**David D. Morrell**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba t'elef seba' mija u erbatax il-liri maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm4714.93) ghall-perjodu bejn l-1992 u l-1998 bhala spejjez u drittijiet dovuti lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizzi ta' manutenzjoni prestati mis-socjeta' attrici fil-kumpless imsejjah Ta' l-Ibragg, f'St. Andrews u f'liema kumpless il-konvenut jipposjedi l-appartament numru 2, Warwick House, Ta' l-Ibragg, St. Andrews;

Illi l-konvenut allavolja interpellat anke ufficjalment biex ihallas, baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba t'elef seba' mija u erbatax il-lira u tlieta u disghin centezmu (Lm4714.93) bhala spejjez u drittijiet ghal servizzi ta' manutenzjoni ghall-perjodu bejn 1992 u 1998;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imghaxijiet legali relattivi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru, 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici konfermata bil-gurament minn Evander Borg bhala “company secretary” ta’ Euro Globe Limited u dina s-socjeta ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta attrici kif debitament awtorizzata u l-lista tax-xhieda taghha;
.
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante li d-dikjarazzjoni guramentata giet mahlufa minn persuna li m'ghandhiex ir-rapprezentanza legali tas-socjeta' attrici;

2. Illi f'kull kaz il-kawza intavolata mis-socjeta' attrici hija ntempestiva peress li l-maintenance agreement li a bazi tieghu qeghdin isiru dawn il-proceduri jistipula li f'kaz ta' divergenza bejn il-kontendenti jkun hemm arbitragg bejn is-sid u s-socjeta' attrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti fl-obbligazzjonijiet li assumiet fil-maintenance agreement in kwestjoni u li ghab-bazi tieghu qieghed jintalab il-hlas mis-socjeta' attrici;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 1999 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u cioe li c-itazzjoni hi nulla in vista tal-fatt li d-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici presentata mac-citazzjoni hi mahlufa minn persuna li m'ghandhiex ir-rapprezentanza legali tal-istess socjeta' attrici;

Skond il-provedimenti tal-artikolu 156(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta meta tigi presentata citazzjoni fil-qrati

superjuri, l-attur flimkien mal-istess citazzjoni ghandu jippresenta dikjarazzjoni guramentata kontenenti l-fatti rilevanti ghall-kawza. Skond l-artikolu 181A(2) tal-istess Kapitolu meta c-citazzjoni ssir minn socjeta kummercjali, bhal ma hu f'dan il-kaz, din id-dikjarazzjoni tista tigi konfermata bil-gurament minn persuna li ghandha r-rappresentanza guridika tas-socjeta attrici jew mis-segretarju tal-istess socjeta jew minn kull persuna ohra debitament awtorizzata bil-miktub dejjem mis-socjeta attrici;

F'dan il-kaz id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici hi konfermata bil-gurament minn certu Evander Grech bhala s-segretarju ta' socjeta kummercjali Euro Globe Limited, liema socjeta tagixxi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta attrici kif debitament awtorizzata;

Jirrizulta li permezz ta' kuntratt pubbliku tas-6 ta' Mejju 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar (fol.25 et seq.) is-socjeta attrici Tal-Ibragg Development Company Limited tat is-sub-appalt lis-socjeta Euro Globe Limited sabiex isir il-manutenzjoni u s-servizzi ohra konnessi ghar-rigward tal-kumpless imsejjah Tal-Ibragg f'St. Andrews, f'liema kumpless hemm l-appratament imsemmi fic-citazzjoni u li jappartjenti lill-konvenut. Din il-kawza hi dwar ammonti allegatamnent dovuti ghar-rigward tal-provista ta' dawn is-servizzi. Fl-istess kuntratt is-socjeta attrici nnominat lill imsemmija socjeta Euro Globe Limited bhala r-rappresentant gudizzjarju taghha ghal finijiet tal-istess kuntratt. Anness ma dan il-kuntratt hemm kopja ta' risoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta attrici bid data 22 ta' April 1991 (vide fol.36) li appuntu tikkonferma l-imsemmija nomina. Jirrizulta ukoll li fit-22 ta' Mejju 1999, cioe meta giet konfermata bil-gurament id-dikjarazzjoni annessa ma din ic-citazzjoni, l-imsemmi Evander Grech kien is-segretarju tas-socjeta Euro Globe Limited;

In vista ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement pruvat li l-persuna li kkonfermat bil-gurament id-dikjarazzjoni in kwestjoni kienet persuna debitament awtorizzata sabiex tghamel dan. Ghalhekk ma jirrizulta xejn irregolari ghar-rigward tad-dikjarazzjoni in kwestjoni b'mod partikolari ghar-rigward tal-persuna li kkonfermat bil-gurament il-kontenut tal-istess dikjarazzjoni;

In vista ta' dan kollu l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddiferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni ghas-seduta tal-

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.